# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Erbgħa, 3 ta' Mejju, 2023

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 122/2022 ISB**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi**

**vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tal-**Kummissarju tat-Taxxi**, intavolat fit-30 ta' Novembru 2022, li permezz tiegħu huwa talab lil-Qorti sabiex:-

> *"... tordna illi l-kumpannija **Crown Hotels Limited (C-22101)** terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji salv kull provvediment li jogħġobha tagħti."*

U dan wara li ppermetta:

1. *Illi l-esponenti Kummissarju għal dak li jirrigwarda Taxxi Interni. u VAT hu kreditur tas-soċjeta'* ***Crown Hotels Limited.*** *fl-ammont ta' tliet mija u tnejn u erbgħin elf u sitta u sebgħin ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu u (€342,076.49) kwantu għal €223,671.11(KTI) u €118,405.38 (VAT) skont l-anness Dok. 'A' u 'A1' li huwa parti integrali mir-relazzjoni tal-Perit Ġudizzjarju Dr. Richard Galea Debono fil-kawża:* ***Bank of Valletta p.l.c. vs Crown Hotels Limited, rik. Nru. 1089/12 RGM;***

2. *Illi s-soċjeta' surreferita kienet irreġistrat mal-esponenti Kummissarju sabiex tibda l-attivita' ekonomika tagħha fl-1 ta' Jannar 1999 bin-numru tar-reġistrazzjoni MT 14972502 A (VAT) u bl-indirizz: The Windsor Hotel, Windsor Terrace, Sliema (IR), Malta Dok.'B' u 'B!';*

3. *Illi l-Bank of Valletta p.l.c. kien intavola rikors numru 1089/12 fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs Crown Hotels Limited (is-soċjeta' surreferita bin-numru tal-Kumpannija C-22101) quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.;*

4. *Illi sussegwentement l-esponenti daħal fl-atti tar-rikors surreferit bhala kreditur tas-soċjeta' Crown Hotels Limited;*

5. *Illi sussegwentement l-esponenti appella mis-sentenza li ngħatat mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Mejju 2022 għal quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell* ***appell numru 1089/12 (RGM);***

6. *Illi riċentement ir-Rikorrenti skopra u kien sorpriż kif tenut kont tal-ammont surreferit dovut lir-Rikorrenti, ir-Registratur tal-Kumpanniji ddeċida illi jikkanċella minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji lis-soċjeta'* ***Crown Hotels Limited.***

7. *Illi tali deċiżjoni fejn is-soċjeta' surreferita kienet 'Struck Off as Defunct' bid-data effettiva t-30 ta' Ġunju 2020 Dok. 'C'. Illi din id-deċiżjoni kienet se tkun ta' preġudizzju għar-rikorrenti sabiex jiġbor il-flus dovuti lilu;*

8. *Illi r-Rikorrenti mhux edott mill-fatti illi wasslu għad-deċizjoni tar-Reġistratur tal-Kumpanniji illi jitħassar l-isem tas-soċjeta' minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji;*

9. *Illi r-Rikorrenti tenut kont tas-suespost u sabiex jissalvagwardja l-pożizzjoni tiegħu, qiegħed jintavola r-rikors de quo ai termini tal-Kap. 386 u b'mod partikolari dawk tal-artikolu 325(4) tal-Liġijiet ta' Malta;*

10. *Illi l-appell quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell jinsab sospiż wara talba tar-rikorrent sabiex l-Onorabbli Qorti tal-appell jogħġobha tissoprassjedi pendenti r-ravvivar tal-kumpannija Crown Hotels Limited Dok. 'D';*

11. *Illi tali sitwazzjoni tat-tħassir tal-kumpannija' tippreġudika serjament lill-Kummissarju esponenti milli jiġbor il-flus lilu dovuta mill-kumpannija Crown Hotels Limited.;*

12. *Illi għadhom ma għaddewx ħames (5) snin minn meta s-soċjetà surreferita tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji u fl-umili fehma tar-rikorrent jeżistu l-elementi kollha kkontemplati fl-artikolu 325(4) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex il-kumpanija terġa' tiġi mqiegħda fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji;*

13. *Illi l-artikolu surreferit testwalment jgħid:*
    *(4) Jekk membru jew kreditur tal-kumpannija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkolla interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jkun tħassar minn ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpannija għandha titqies li kompliet*

*bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel daw il-provvedimenti li jidhrilha xierqa l-kumpannija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

14. *Illi dan ir-rikors qed jiġi intavolat sabiex jissalvagwardja l-pożizzjoni tar-rikorrent, jitħasru l-interessi erarju pubbliku u jiġu ssalvagwardati id-dettami tal-ġustizzja;*

15. *Illi l-epsponenti jsib konfront f'dan li qiegħed jitlob fir-ġursiprudenza kostanti ora mai definita tal-qrati nostrali f'każi simili u senjatament fil-kawżi segwenti, kollha mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kumerċ):*

    1. *29 ta' Settembru 2020 Mario Borg vs ir-Reġistratur tal-Kumpanniji;*
    2. *30 ta' Ġunju 2020: Mazzacano D'Amato et vs ir-Reġistratur tal-Kumpanniji;*
    3. *Edwin Zammit kontra X et. 29 ta' Ottubru 2020;*
    4. *30 ta' April 2020 Joseph Caruana vs Saviour Ferrito et*
    5. *16 ta' Diċembru 2019:- Xuereb et vs Reġistratur tal-Kumpanniji et*
    6. *28 ta' Marzu 2019:- Gauci Maistre noe vs ir-Reġistratur tal-Kumpanniji et*

    ***Prim' Awla tal-Qorti Ċivili:-***

    7. *24 ta' Jannar 2006:- Cassar Pullicino noe vs Ir-Reġistratur tas-Soċjetajiet et*
    8. *26 ta' Ġunju 2018:- Micallef vs Borg et*
    9. *30 ta' Marzu 2017:- Hal Mann Construction Limited et vs Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji*
    10. *31 ta' Jannar 2017:- Borg Barthet vs Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji.*

Rat **id-dokumenti** ppreżentati mar-rikors (fol 6 sa fol 11).

Rat **id-digriet** tagħha tas-7 ta' Diċembru 2022 minn fejn jirrizulta ill r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tal-20 ta' Jannar 2023 fl-10:00a.m., u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Reġistratur tal-Kumpanniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fit-22 ta' Diċembru 2022 (ara tergo ta` fol 13).

Rat in-nota tar-rikorrent Kummissarju tat-Taxxi intavolata fl-4 ta' Jannar 2023 (fol 16) li permezz tagħha ppreżenta żewġ affidavits b'dokumenti annessi (fol 17 sa fol 32).

Rat illi fl-4 ta' Jannar 2023, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ppreżenta **ir-risposta** tiegħu (fol 33) b'dokument hemm anness, li permezz tagħha, huwa sostna:

> *Illi l-kumpanija Crown Hotels Limited (C 22101) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru"), fis-7 ta' Novembru 1997;*
>
> *Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat informazzjoni dwar kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji. Tant hu hekk, illi l-aħħar kont annwali reġistrat mar-Reġistratur tal-Kumpaniji kien dak tas-sena 2000 u l-aħħar prospett annwali huwa tas-sena 2002. Il- kumpanija baqgħet ukoll qatt ma ssottomettiet l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji hekk kif mitluba skont il-liġi;*
>
> *Illi tali nuqqas serju u kontinwu għal diversi snin kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponenti Reġistratur tissoponi illi l-kumpanija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*
>
> *Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċediet sabiex kitbet lill-kumpannija sabiex tavża illi l-isem tal-kumpannija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*
>
> *Illi r-Reġistratur bagħtet l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija (annessi u mmarkati bħala Dok. "**A**", l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur fuq l-indirizz*

*reġistrat tagħha 'The Windsor Hotel, Windsor Terrace, Sliema', u kif ukoll lill- uniku direttur tal-kumpanija Ronald Azzopardi, fl-indirizz, ' no.5, Flat 6, Howard Street, Sliema, datati 27 ta' Frar 2020;*

*Illi t-tieni avviż ġie mibgħut permezz ta' ittra oħra lill-kumpanija u lid-direttur tagħha fuq l-istess indirizzi fit-30 ta' Marzu 2020;*

*Illi f'dawn l-ittri l- kumpanija ġiet infurmata illi la darba l-kumpanija kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont l-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar, u t-tieni ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kienet se tkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija.*

*Illi fit-30 ta' Marzu 2020, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal- Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi fil-frattemp, ir- Reġistratur qatt ma rċeviet l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti kemm mingħand il-kumpanija u kif ukoll mingħand terzi u għaldaqstant, fit-30 ta' Ġunju 2020, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponenti ħarġet avviż fuq website miżmuma minnha fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi kif jidher ċar mil-fatti suesposti, ir-rikorrent kellu biżżejjed żmien kemm qabel kif ukoll wara l-pubblikazzjoni tal-avviżi msemmija, biex jinforma l-esponenti dwar l-interess illi kellu sabiex l-isem ta' din il-kumpanija jibqa' fuq ir-Reġistru, iżda dan baqa inadempjenti;*

*Illi fil-każ odjern, ir-rikkorent qiegħed jibbaża t-talba tiegħu sabiex l-isem tal-kumpannija jerġa' jitqiegħed fuq ir-Reġistru bħala kreditur ai termini tas-subartikolu 4 tal-artikolu 325 tal-Att. Dan tal-aħħar jipprovdi illi tali rimedju mitlub jista' jingħata biss jekk il-Qorti tkun soddisfatta li jkun xieraq illi jsir dan. Is-subartikolu 6 tal-istess artikolu jipprovdi illi, minkejja illi l-isem tal-kumpannija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru, ir-responsabbilita' tal-kumpannija u kull uffiċċjal u membru tagħha għandha tkompli u tista' tiġi nfurzata daqs li kieku l-isem tal-kumpannija ma kien qatt tħassar minn fuq ir-Reġistru.*

*Illi r-Reġistratur tapprezza illi meta f'każ bħal dan, ikun terza persuna illi jkun qiegħed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti illi l-isem jerġa' jitpoġġa lura fuq ir-Reġistru, dina l-Onorabbli Qorti m' għandha l-ebda kontroll fuq l-aġir tal-kumpannija. Dan għaliex l-isem tal-kumpannija jkun qiegħed jerġa' jitpoġġa fuq ir-Reġistru sempliċement għall-benefiċċju tat-terza persuna. Ir-Reġistratur tixtieq umilment tissolleva, illi f'ħafna każijiet bħal dan tal- lum, it-terza persuna jagħzel li jagħmel rikors il-Qorti sabiex jerġa' jitqiegħed lura fuq ir-Reġistru l-isem tal-kumpanija anke jekk ikun jaf li l-kumpanija ma jkollha ebda assi.*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur tixtieq illi jekk il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru, tali kumpanija għandha tissottometti d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa (inkluż il-prospetti annwali, l-kontijiet annwali u informazzjoni dwar sidien benefiċċjarji) u dan sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi tat-terzi persuni. Ir-Reġistratur qiegħda umilment tissolleva illi qiegħda tħalli f'idejn din l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tagħha sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni tiġi rattifikata;*

*Illi r-Reġistratur hija kreditur ta' din il-kumpanija hija stess u għaldaqstant hija għandha tiġi mħallsa il-penali dovuti fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' prospetti annwali u kontijiet annwali li jammontaw għal eluf ta' ewro, filwaqt illi l-pagament dovut fuq reġistrazzjonijiet ta' prospetti annwali li baqgħu pendenti jammontaw għal* ***EUR 15,861.10****;*

*Illi r-Reġistratur ma toġġezzjonax illi l-kumpannija de quo tiġi mqiegħda fuq ir-Reġistru mill-ġdid;*

*Illi għaldaqstant l-esponenti qiegħda umilment tissolleva li hija lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' dan il-każ, filwaqt illi r-Reġistratur ma tispiċċax b'kumpaniji li m'humiex in regola mal-Att fuq ir-Reġistru għal żmien indefinit.*

Rat illi fl-udjenza tal-20 ta' Jannar 2023, deher l-Avukat Roderick Zammit Randich għar-rikorrent Kummissarju tat-Taxxi u dehret l-Avukat Claudette Fenech għall-intimat Reġistratur. Rat ukoll li r-rikorrent iddikjara li m'għandhux aktar provi xi jressaq.

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-20 ta' Jannar 2022, bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għall-llum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, u li permezz tagħha, ir-rikorrenti jgħidu illi b'effett mit-30 ta' Ġunju 2020, l-isem tas-soċjeta' Crown Hotels Limited (C-22101) kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji.

Illi jirriżulta illi r-rikorrent huwa kreditur tas-socjeta` msemmija Crown Hotels Limited (C-22101), fl-ammonti kif indikati fir-rikors promotur, liema ammonti huma l-mertu tal-proċeduri llum pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c. vs Crown Hotels Limited** bir-referenza Rik Nru 1089/12RGM, liema appell jinsab sospiż wara talba tar-rikorrent sabiex l-Qorti tal-Appell tissoprassjedi pendenti r-ravvivar tal-kumpanija *de quo*. Jgħid li għalhekk it-tħassir tal-kumpanija tippreġudika serjament lir-rikorrent milli jiġbor il-flus lilu dovuti mis-soċjeta' *de quo.*

Huwa allura għalhekk illi r-rikorrent ressaq dawn il-proċeduri sabiex is-soċjeta` Crown Hotels Limited (C-22101) terga' titqiegħed fuq ir-Reġistru bil-għan illi r-rikorrent jieħu l-miżuri kollha lilu spettanti biex jissodisfa l-kreditu tiegħu.

Fl-affidavit tiegħu **Emanuel Mangion**, fil-fakulta' tiegħu ta' *Manager II Accounting & Finance* fi ħdan l-Uffiċju tal-Kummissarju tat-Taxxi (Taqsima Ġbir) jgħid li s-soċjeta' Crown Hotels Limited (C-22101) għandha tagħti lill-Kummissarju tat-Taxxi l-ammont ta' mitejn u tlieta u għoxrin elf, sitt mija u wieħed u sebgħin Ewro u ħdax -il ċenteżmu (€223,671.11) u dan kif jirriżulta mir-relazzjoni tal-Perit Ġudizzjarju Dr Richard Galea Debono fil-kawża **Bank of Valletta Plc vs Crown Hotels Ltd,** rikors nru 1089/12RGM.

Jgħid li l-Kummissarju tat-Taxxi ilu jinterpella lis-soċjeta' Crown Hotels Limited (C-22101) għall-pagament mill-2005. Jispjega li l-ammont fuq imsemmi jirriżultaw minn diversi proċeduri:

- HSBC Bank Malta vs Crown Hotels Ltd deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2014 (Ref: 565/2010),

- Bank of Valletta Plc vs Crown Hotels Ltd deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2014 (Ref: 628/2010), u

- Ittra Uffiċjali intavolata quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Jannar 2017 bin-numru 171/2017

Jgħid li meta l-Kummissarju rikorrent pprova jinnotifika lill-kumpanija kkonċernata bl-appell fl-indirizz reġistrat, il-Marixxall kiteb illi sab l-istess indirizz okkupat minn terzi. Jispjega li wara verifiki skopra li l-Kumpanija ġiet stralċjata minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Il-Qorti ħadet konjizzjoni tad-dokumenti kollha ppreżentati mal-istess affidavit.

Fl-affidavit tiegħu **Joseph Attard**, fil-fakulta' tiegħu ta' *Senior Manager Accounting & Finance* fi ħdan l-Uffiċju tal-Kummissarju tat-Taxxi (Taqsima Ġbir - VAT), jgħid li s-soċjeta' Crown Hotels Limited (C-22101) għandha tagħti lill-Kummissarju tat-Taxxi l-ammont ta' mija u għaxart elef, erba' mija u ħamsa u għoxrin Ewro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€112,425.72) u dan kif jirriżulta mir-relazzjoni tal-Perit Ġudizzjarju Dr Richard Galea Debono fil-kawża **Bank of Valletta Plc vs Crown Hotels Ltd,** rikors nru 1089/12 RGM.

Jgħid li l-Kummissarju tat-Taxxi ilu jinterpella lis-soċjeta' Crown Hotels Limited (C-22101) għall-pagament għal diversi snin. Jispjega li l-ammont fuq imsemmi jirriżultaw minn diversi proċeduri:

- HSBC Bank Malta vs Crown Hotels Ltd deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2014 (Ref: 565/2010)
- Bank of Valletta Plc vs Crown Hotels Ltd deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2014 (Ref: 628/2010)
- Ittra Uffiċjali intavolata quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili bin-numri 4104/2009 u 3467/2014

Jgħid li meta l-Kummissarju pprova jinnotifika lill-kumpanija kkonċernata bl-appell fl-indirizz reġistrat, il-Marixxall kiteb illi sab l-istess indirizz okkupat minn terzi. Jispjega li wara verifiki skopra li l-Kumpanija ġiet

stralċjata minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Il-Qorti ħadet konjizzjoni tad-dokumenti kollha ppreżentati mal-istess affidavit.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi l-intimat Reġistratur jsostni illi kellu kull raġuni valida fil-liġi biex jikkanċella l-kumpannija u għaddha mill-proċeduri kollha li trid il-liġi sabiex sar dan. Filwaqt illi finalment jħalli f'idejn il-Qorti sabiex tiddeċiedi hi skond il-provi li jitressqu, b'dana kollu r-Registratur intimat jirrimarka illi jekk kemm -il darba l-isem tal-kumpanija jidħol lura fir-reġistru, ir-Reġistratur m'għandux jispiċċa b'kumpaniji li m'humiex in regola mal-Att fuq ir-Reġistru għal żmien indefinit.

**L-Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta:**

> *Jekk membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bzonn biex kumpannija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji terġa' ssib postha fuqu ai termini tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubbju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta il-kumpannija Crown Hotels Limited (C-22101) ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Mill-atti jidher ċar illi r-rikorrent għandu kreditu sostanzjali fil-konfront tal-kumpannija mneħħija minn fuq ir-Reġistru Crown Hotels Limited (C-22101) u li qiegħed jagħmel ħilithom sabiex jiġi mħallas l-istess kreditu.

Illi filwaqt illi l-intimat Registratur għandu ragun josserva illi jekk kemm -il darba l-kumpanija terġa' titpoġġa fuq ir-reġistru ai termini tal-Artiklu 325(4) xorta ser jissusistu l-fatturi li wasslu sabiex ir-Reġistratur neħħa l-kumpanija minn fuq ir-Reġistru – b'dana kollu kull każ storja u fil-każ odjern, ir-rikorrent indika b'mod ċar li għad għandu kreditu sostanzjali u proċeduri pendenti fil-konfront tal-istess kumpanija.

Huwa għalhekk illi din il-Qorti, fid-deċiżjoni tagħha qed tieħu nota tal-fatt illi r-Reġistratur intimat kellu kull raġun illi jikkanċella isem il-kumpannija Crown Hotels Limited (C-22101) minn fuq ir-Reġistru, pero` ir-rikorrent għandu interess u jinsab sodisfatt dak li trid il-liġi biex huwa jitlob b'suċċess ir-rientegrazzjoni tal-kumpannija msemmija lura fuq ir-Registru.

Il-Qorti sejra għalhekk tilqa' t-talba mressqa mir-rikorrenti, pero` una volta illi ser jingħata din l-opportunita' li l-kumpanija Crown Hotels Limited (C-22101) terġa' titpoġġa fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, dan ma jfissirx illi din il-Qorti terġa' tagħti jew marbuta terġa' tagħti opportunita` oħra jekk ir-rikorrenti ifallu mid-dmirijiet u l-obbligi tagħhom biex jeżerċitaw d-drittijiet tagħhom fil-konfront ta' din il-kumpanija.

Ir-rikorrenti għandhom ikunu ben konxji ta' dan u b'hekk din il-Qorti tkun f'posizzjoni aktar komda u serena biex teżerċita id-diskrezzjoni tagħha favur it-tqegħid lura ta' isem is-socjeta` Crown Hotels Limited (C-22101) lura fuq ir-Reġistru.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun ġust u ekwu illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fi żmien ħmistax il-jum,

jerġa' jdaħħal l-isem ta' **Crown Hotels Limited (C-22101)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpannija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpanniji.

3. **Fit-tielet lok**, tordna, illi l-isem ta' **Crown Hotels Limited (C-22101)** jitpoġġa lura fuq tali Registru tal-Kumpanniji għall-perjodu ta' ħames (5) snin, b'dan illi r-rikorrent huwa mistenni illi jsegwi u wieħed jispera jiffinalizzaw kwalunkwe proċeduri neċessarji sabiex jikseb u jenforza kwalsiasi drittijiet kontra l-istess soċjeta` msemmija fiż-żmien hawnekk konċess.

4. **Fil-raba' lok**, tordna illi l-ispejjes ta' din il-procedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi jista' jinkorri ir-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija **Crown Hotels Limited (C-22101)** fuq ir-Reġistru tal-kumpanniji u konsegwentament jerġa' jiġi kkanċellat l-istess isem kif hawn fuq deċiż, jkunu a karigu tar-rikorrent.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**